# Gramma ta' Leanne Ellul

*Riflessjoni miktuba minn Ana Fenech*




Il-qoxra ta' dan il-ktieb hija sempliċi ħafna iżda l-istorja ta' ġewwa hi xi ħaġa totalment differenti. Il-ħarsetta tagħti biżżejjed informazzjoni li ħallietni kurjuża fuq x'se jiġrilha l-protagonista, Analiża, kif ukoll tħassartha minħabba d-deskrizzjoni fiżika tagħha. Il-qarrejja jsiru jafu wkoll in-nies l-iktar importanti f'ħajjet Analiża u l-ħsieb tagħha fuqhom.

In-narratriċi hi l-protagonista stess u l-qarrejja jistħajluhom bħallikieku daħlu fil-ħsieb t'Analiża u saru parti minnha. Malajr jirrealizzaw li Analiża għandha problema għaliex kull ftit sentenzi l-kitba taqleb għall-korsiv u jidħol leħen aħrax jisfida jew jikkummenta fuq xi tkun qed tgħid jew tagħmel Analiża. Dan il-leħen narawh eventwalment jiġi parti minn ħajjitha daqslikieku kien xi ħabib. Tintuża l-ironija drammatika għaliex il-qarrejja jaraw affarijiet u konverżazzjonijiet bejn Analiża u karattri oħrajn, inkluż il-leħen, li l-karattri fl-istorja ma jkunux jafu bihom u dan il-mod iżomm lil min qed jaqra kurjuż. F'ħafna partijiet minn dan il-ktieb hemm ton serju, ta' dwejjaq, ta' ħafna nostalġija kif ukoll jidħol ton umoristiku f'xi partijiet mill-istorja. Hemm it-temi ta' ħbiberija u tbatija.

Il-karattri ewlenin huma Analiża, Markita, nanna Venut, Missier u omm Analiża, Pappa u Daniel. Dawn kollha nies importanti f'ħajjet Analiża, ftit iktar minn oħrajn, iżda f'biċċiet fl-istorja hi tara l-għajnuna tagħhom bħala deni u kattiverja u din tiġri minħabba l-leħen, li eventwalment tagħtih l-isem, Ana. Dan l-isem, Ana, hu parti minn isimha, Analiża, l-istess kif il-leħen sar parti minnha u minn ħajjitha. Markita tidher ħafna fl-istorja għaliex hi l-ikbar u l-unika ħabiba tal-protagonista u l-qarrejja jaraw il-mod kif tgħin u tieħu paċenzja b'Analiża b'kollox li jkollha bżonn anke jekk mhux dejjem tifhem ir-raġuni wara l-azzjoni. In-nanna Venut hi persuna speċjali u viċin qalb Analiża, ovvjament għax in-nanna, imma s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha Analiża tinkwetaha ħafna u l-kumment fuq in-nanna fl-aħħar paġna tal-aħħar kapitlu jaqsamlek qalbek għaliex tkompli turi x'deni għamlet Ana. Missier u Omm Analiża ma jidhrux ħafna imma xorta għandhom irwol importanti, fil-bidu tal-istorja nisimgħu fuqhom minn Analiża iżda ftit li xejn għandhom relazzjoni mat-tifla tagħhom. Tul l-istorja l-inkwiet fuq Analiża jibda jikber u jagħmlu kollox biex jgħinuha. Il-qarrejja jaraw l-imħabba t'omm lejn bintha meta taqbad tibki minħabba l-istat li ġiet fih Analiża. Pappa huwa l-pappagall t'Analiża, dan jiġi introdott f'nofs l-istorja u Analiża taqsam l-imħabba għamja li għandha lejn Pappa u kemm hi grata li daħal f'ħajjitha meta daħal. Daniel jew, kif issejjaħlu Analiża, Dan, hu l-għarus t'Analiża għal xi ftit żmien u r-relazzjoni tagħhom tibda bħala ħbieb u tkompli tikber sakemm jistaqsiha

biex tkun miegħu u hi tgħid iva iżda jkollhom waqfa li tħallik b'togħma qarsa għaliex Dan waqqaf ir-relazzjoni bir-raġuni li Analiża kienet saret wisq irqiqa għalih. F'dan il-mument il-qarrejja jitħassruha u jinħoloq effett ta' patos. Għalkemm kellhom waqfa ħarxa xorta waħda tirringrazzjah fl-aħħar talli għal ftit, ħassitha speċjali. Dawn il-karattri kollha jħallu effett f'ħajjet Analiża, xi drabi tajjeb u xi drabi ħażin iżda naraw li minkejja kollox xorta waħda tapprezzahom u kulma għamlu magħha.

"Gramma" għoġobni ħafna u nirrakkomandah għal min jinteressah jew jixtieq jitgħallem aktar minn xiex tkun għaddejja persuna li tbati b'eating disorder għaliex apparti li hu ktieb interessanti tintqal storja sabiħa u b'saħħitha b'tagħlima importanti li dażgur tgħin lil xi ħadd. Naħseb li hu tajjeb ħafna għall-adolexxenti, għaliex il-protagonista tgħaddi minn xi ħaġa li ħafna żgħażagħ jgħaddu minnha u b'hekk ikunu jistgħu jirrelataw magħha u jitgħallmu minnha. Fl-istess ħin teduka lill- qarrejja li ma jafux b'din is-sitwazzjoni u tgħinhom jifhmu aktar fuq is-suġġett u forsi kif jiffaċċjaw sitwazzjoni simili ta' din. Dan il-ktieb hu wieħed uniku u jesplora sewwa l-ħajja ta' żagħżugħa Maltija li qed tbati minn mard mentali fil-fond.

*Ir-rumanz* Gramma *hu ppubblikat minn Merlin Publishers.*